

## **Mistoqsija għal tweġiba orali O-00009/2013**

### **lill-Kummissjoni**

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

**Renate Weber, Sophia in 't Veld, Baroness Sarah Ludford, Sonia Alfano, Alexander Alvaro, Cecilia Wikström, Sir Graham Watson, Louis Michel, Nathalie Griesbeck, Marielle de Sarnez, Ramon Tremosa i Balcells, Niccolò Rinaldi, Frédérique Ries, Jelko Kacin, Metin Kazak, Hannu Takkula, Leonidas Donskis, Ivo Vajgl, Edward McMillan-Scott, Charles Goerens**

f'isem il-Grupp ALDE

Suġġett: It-tiżni tal-ġlieda kontra r-rażziżmu, il-ksenofobija, l-anti-Semitiżmu, l-Islamofobija, l-omofobija u l-antiżingariżmu fl-UE

L-atti u d-diskriminazzjoni ta' natura razzista, ksenofobika, anti-Semitiċa, Islamofobika, omofobika u anti-Rom qed ikompli jsejtnu fl-UE, filwaqt li d-diskorsi u l-programmi li jxerrdu l-mibegħda u l-intolleranza huma promossi minn mexxejja estremisti li l-partiti tagħhom kisbu rappreżentanza parlamentari f'xi Stati Membri tal-UE. L-UE adottat serje ta' strumenti biex tiġġieled tali atti u d-diskriminazzjoni fl-għamla ta' Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE (li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-orijini tar-razza jew l-etniċità), id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE (li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol) u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI dwar il-ġlieda kontra ċerti forum u espressjonijiet ta' razzizzmu u ksenofobija. Tnediet strateġija qafas tal-UE dwar l-integrazzjoni tar-Rom. Il-proposta tal-Kummissjoni tal-2008 għal Direttiva tal-Kunsill dwar it-trattament ugwali lil hinn mill-ambitu tal-impjieg (id-Direttiva dwar l-ugwaljanza) ma ġietx adottata fil-Kunsill minħabba oppożizzjoni qawwija minn għadd żgħir ta' Stati Membri. Il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri b'mod ripetut biex isaħħu l-ġlieda kontra r-rażziżmu, il-ksenofobija, l-anti-Semitiżmu, l-Islamofobija, l-omofobija u l-antiżingariżmu, billi jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tad-direttivi, jadottaw id-direttiva dwar l-ugwaljanza u jirrevedu d-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra ċerti forum u espressjonijiet ta' razzizzmu u ksenofobija sabiex iwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tagħha u jsaħħu d-dispożizzjonijiet u l-effikaċja tagħha. Il-Presidenza Irlandiża nediet dibattitu fil-Kunsill ĠAI informali tas-17 u t-18 ta' Jannar dwar l-azzjoni tal-UE biex tindirizza delitti ta' mibegħda, ir-rażziżmu, l-anti-Semitiżmu, il-ksenofobija u l-omofobija, u enfasizzat il-ħtieġa għal protezzjoni aħjar u ġbir imtejjeb ta' dejta, kif ukoll għal impenn aktar qawwi mill-mexxejja biex 'il-valuri Ewropej jiġu rispettati attivament u biex jitrawwem ambjent ta' rispett reċiproku għall-persuni minn sfondi reliġjużi jew etniċi differenti jew ta' orjentament sesswali differenti, u għall-inklużjoni tagħhom'. Il-Kummissarju Malmström reċentement wissiet dwar diskors politiku razzist, estremist u populist, li jista' jwassal ukoll sabiex persuni li joperaw waħedhom iwettqu qtil indiskriminat hekk kif it-theddida ta' estremiżmu vjolenti qed tinfirex.

Il-Kummissjoni x'beħsiebha tagħmel biex issaħħaħ il-ġlieda kontra r-rażziżmu, il-ksenofobija, l-anti-Semitiżmu, l-Islamofobija, l-omofobija u l-antiżingariżmu fl-UE? Se tipprova reviżjoni ambizzjuża tad-Deċiżjoni Qafas 2008/913/ĠAI skont kif indikat mill-Parlament Ewropew? Se tvara strateġija komprensiva tal-UE biex tiġġieled id-diskriminazzjoni, il-preġudizzju, il-vjolenza u l-mibegħda? X'se tagħmel biex tipprova tikseb l-approvazzjoni tal-Kunsill tad-direttiva dwar l-ugwaljanza?

Imressqa: 6.2.2013

Mgħoddija: 8.2.2013

L-iskadenza għat-tweġiba: 15.2.2013